**Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum – Mejju 2006**

**MALTI**

**IR-RAPPORT TA' L-EŻAMINATUR EWLIENI**

| **L-Ittra / in-numru tal-mistoqsija** | **L-opinjoni ta' l-eżaminaturi dwar il-mistoqsija** | **Kif it-tfal wieġbu il-mistoqsija** | **Kummenti oħra** |
|---|---|---|---|
| **A** | - Is-silta kienet ħafifa ħafna u tinftiehem bla tbatija.<br>- Ir-repetizzjonijiet setgħu fixklu lil xi wħud meta ġew biex iwieġbu.<br>- Il-mistoqsijiet nru 3, 4, 5, 6 u 10 kienu pjuttost ħfief. | - L-aktar li żbaljaw kien f'mistoqsijiet nru 1, 7, u 8. F'nru 1 żbaljaw l-aktar fis-sintassi.<br>- Nru 7 ħafna taw biss nofs risposta.<br>- Nru 8 kien hemm min ma fehemx x'ried iwieġeb. | - Il-livell ta' l-istudenti seta' kien aħjar kienu ma kienx hemm ikkupjar ħażin kif ukoll żbalji ortografiċi u sintattiċi.<br>- Ma kienx hemm il-ħtieġa ta' l-eżempju. |
| **B** | - Taħriġ tajjeb u importanti fl-eżaminar ta' lingwa. | - L-aktar li batew kien biex isibu kliem mis-silta b'tifsira 'astratta' bħal *saħansitra* u *minnufih*. | - Ħasra li s-silta ma kellhiex frażijiet idjomatiċI u verbi frażjali. |
| **Ċ** | - Mistoqsija tajba li kienet f'kuntest. Din għamlitha aktar faċli. | - Xi wħud ma bdewx b'ittra kapitali. Żbaljaw l-aktar f'nru 3 - (taw is-singular flok il-plural); f'nru 4 (minħabba l-għ) u f'nru 5 (ma kitbux ż-ż bit-tikka). | - Numru mhux ħażin kitbu l-Malti djalettali 'infoħ'.<br>- Seta' kien hemm imperattiv irregolari bħala waħda mill-mistoqsijiet. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **D** | - Taħriġ ħafif ħafna (marki *bonus*). Anke min kien batut ġab ħafna minnhom tajbin. | - Il-maġġoranza tat-tfal ġabuhom tajbin. | - Marki li setgħu marru għal mistoqsija aktar impenjattiva. |
| **E** | - It-tfal riedu joħorġu derivazzjoni mill-kelma mogħtija li tagħmel sens fis-sentenza. | - Il-maġġoranza wieġbu tajjeb. Nru 4 - xi wħud kitbu l-vokali tal-leħen. | - Użu ħażin ta' l-ittri kapitali u t-twaqqigħ jew le tal-vokali 'i' fir-4 u s-6. |
| **F** | - Eżerċizzju b'kontenut tekniku. Ideali għax tittestja varjetà ta' aspetti grammatikali. | - Meta wieħed iqabbel ma' oħrajn, dan l-eżerċizzju kien aktar impenjattiv. | - Jista' jkun li l-kuntest tekniku ma għenx lill-istudenti fir-risposti 2 u 3. |
| **Ġ** | - Taħriġ li jixbah lil ta' qablu (iżda jittratta l-plural biss). | - Ħafna wieġbu tajjeb ħlief għall-plural ta' *żerriegħa.* | - Xi tfal għadhom mhux ċerti meta jħallu l-vokali 'i' eż.: *insetti.* |
| **G** | - Kif saret il-mistoqsija kien faċli ħafna biex tiġi mmarkata t-tajba. | - L-aktar li żbaljaw kien f'nru 2 u 3. | - Jinħass li xi wħud isibuha diffiċli biex jaqraw u jifhmu 'test'. |
| **GĦ** | - Mistoqsija tajba għax kellha taħlita ta' punti ġrammatikali - pronomi, partiċelli u artikli f'kuntest. | - Min kien batut żbalja f'din il-mistoqsija. | - Taħriġ ta' dan it-tip ikejjel ħiliet varji. |
| **H** | - Tajjeb għax jittestja diversi aspetti tal-lingwa. | - Żbaljaw l-aktar f'nru 1. | - L-ortografija tidher li għadha problema kbira. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Ħ** | - It-tagħqid ta' sentenzi sempliċi biex jiffurmaw sentenza kumplessa huwa importanti. Kif saret il-mistoqsija kien faċli biex il-konġunzjonijiet jitpoġġew f'posthom. | - Xi wħud biddlu l-post ta' xi tnejn minnhom. | - Mistoqsija bħal din għandha l-*cascading effect*, u għalhekk żball wieħed jista' jġorr ieħor miegħu. |
| **I** | - Mistoqsija oħra li setgħet ma ngħatatx għax tant kienet ħafifa li anke min kien batut ħafna ġabha tajba. | - Tista' tgħid li kulħadd wieġeb tajjeb. | - Il-marki setgħu tqassmu fuq mistoqsija oħra aktar impenjattiva. |
| **J** | - L-inqas suġġett popolari kien in-nru 1.<br>- L-aktar li ngħażlu kienu f'din l-ordni: nri 4, 5, 3 u 2. | - Il-biċċa l-kbira ta' dawk li għażlu li jiktbu dwar nru 3, taw lista ta' pajjiżi u semmew biss xi ħaġa li tinsab fih.<br>- L- istess ġara f'dak dwar l-isports. Ma kinux kapaċi jiktbu b'mod ġenerali dwar l-importanza tiegħu. Donnhom it-tfal mhumiex imħarrġin f'dat-tip ta' komponiment.<br>- Ir-rakkuntar jibqa' dejjem aktar popolari fost it-tfal. | - Il-komponiment hu l-aktar parti imporanti f'karta ta' eżami bħal dan għax juri tabilħaqq kemm il-kandidat jaf iħaddem il-kapaċitajiet tiegħu fil-ħsieb, fl-espressjoni u l-kitba. |

**Kummenti ġenerali oħra dwar il-karta**

**L-eżaminaturi ħassew li għandhom iżidu dan li ġej:**

- Dwar it-tqassim u l-preżentazzjoni tal-karti, wieħed jista' jgħid:
    - Il-karta stampata kienet ċara ħafna u b'tipi kbar.
    - Kull eżerċizzju kien qiegħed 'en bloc' fuq paġna waħda.
    - L-istruzzjonijiet stampati suwed kienu jidhru sew.

- Mill-aspett ta' l-istudenti fejn tidħol il-kitba kontinwa wieħed jinnota li għadha tispikka ħafna t-traskuraġni l-aktar:
    - f'dik li hi punteġġjatura u n-nuqqas tagħha
    - nuqqas ta' paragrafi bilanċjati
    - ittri kapitali kif ġie ġie
    - kitba bilkemm tingħaraf
    - żbalji sintattiċi
    - żbalji ortografiċi.

**Suġġerimenti għat-tagħlim**

- Għandha tingħata aktar attenzjoni biex it-tfal jiktbu b'mod kreattiv u funzjonali mingħajr żbalji sintattiċi, ortografiċi u grammatikali.

- Il-kuntestwalizzazzjoni ta' aspetti grammatikali għandha tkompli tingħata aktar importanza.

- Għandu jkun hemm eżerċizzji meħuda minn testi ta' ġeneri u suġġetti varji.

- Għal dan il-għan l-għalliema fil-klassijiet għandhom jgħinu lill-istudenti f'dan il-qasam, mhux bl-użu ta' kotba kummerċjali, iżda bit-tħaddim ta' testi f'kuntesti varjati u meħuda minn oqsma ta' għarfien varju - fosthom dawk tax-xjenza, in-natura, il-ġeografija, il-letteratura, l-agrikoltura, id-dinja ta' l-informatika u l-bqija. Dan għandu jsir mhux biss fil-lezzjoni tal-'Malti', iżda fil-lezzjonijiet kollha li fihom jintuża l-Malti, fosthom dawk tar-Reliġjon u l-Istudji Soċjali.

- It-tagħlim tal-lingwa m'għandux ikun wieħed ristrett għall-eżerċizzju tal-ktieb tal-grammatika, iżda għandu jkun wieħed li jinkludi l-attivitajiet kollha li jsiru fil-klassi.